# Ir-Rabta ta' l-Istatwa tal-Bambina mal-Knisja ta' San Filippu

**Kitba ta' Gino Parnis**



## Introduzzjoni

Kulħadd jaf dwar beltna, kemm għandna ġrajjiet u storja glorjuża, fortifikazzjonijiet ta' żmien l-Ordni, djar antiki, knejjes sbieħ, u ħafna affarijiet oħra, li dawn kollha jagħmlu l-Isla belt storika u tassew ċentru ta' kultura nazzjonali.

Ħafna mill-ġrajjiet ta' l-Isla bla dubju huma marbuta ma' l-istatwa titulari ta' Marija Bambina, u f'din il-kitba ħa naraw flimkien ir-rabta ta' din l-istatwa fil-ġrajjiet u l-istorja ta' waħda mill-knejjes li jinsabu fl-Isla. Il-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, jew kif hi magħrufa aktar, bħala ta' San Filippu.

## Ħarsa ħafifa lejn il-Knisja

Fost l-istudjużi u ammiraturi ta' l-arti Sagra li tinsab fil-knejjes Maltin u Għawdxin il-knisja tal-Porto Salvo (San Filippu) hi magħrufa sew. Dan għaliex tiġbor fiha għadd ta' kwadri u opri oħra storiċi li huma ta' valur artistiku konsiderevoli. Din il-knisja nbniet fis-sena 1662, fuq pjanta tas-Senglean Carlo Vella, iddedikata lill-Porto Salvo għax qiegħda faċċata tal-Port il-Kbir, u għandha rabta mas-sajjieda u l-baħħara, li jittamaw f'Marija ħalli jidħlu fil-Port qawwija u sħaħ. Infatti ħafna mill-opri li jżejnu l-knisja huma għotja tal-baħħara talli jkunu ġew meħlusa minn xi maltempata.

Din il-knisja hi ta' importanza wkoll fil-ħidma pastorali fl-Isla minħabba l-pożizzjoni tagħha f'dik ix-xaqliba ta' l-Isla, u minn dejjem kien li meta l-parroċċa Sengleana tkun qed tiċċelebra xi anniversarju importanti jew xi ġrajja oħra, ma tonqosx li din il-knisja tkun parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet l-aktar kif għedna fil-bidu. Kien f'dawn l-aħħar snin li reġgħet inġiebet f'din il-knisja l-istatwa ta' Marija Bambina magħrufa bħala ta' San Filippu.

## Is-Sena 1921
## Is-Sena ta' l-Inkurunazzjoni

Fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni solenni ta' Marija Bambina tajjeb li ngħidu, li kienet l-ewwel statwa titulari li ġiet inkurunata b'digriet mill-Vatikan. L-istatwa tal-Bambina ġiet indurata, u meta tlestiet ittieħdet San Filippu. Il-Ħadd, 27 ta' Awissu ta' dik is-sena, saret purċissjoni bil-Bambina mill-Knisja ta' San Filippu għall-Knisja Parrokkjali li dik is-sena wkoll saret Bażilika Minuri.

## Is-sena 1943
## Il-Bambina fl-Isla wara l-Gwerra

Malli spiċċat il-gwerra, in-nies ta' l-Isla ħasbu biex iġibu lura l-Bambina, mill-parroċċa ta' Sant'Elena f'Birkirkara, li kienet ilha nieqsa mill-Isla mis-sena 1941. Għalhekk fis-7 ta' Settembru, inġiebet lura lejn l-Isla u ħaduha San Filippu. L-għada, it-8 ta' Settembru, jum il-festa, il-purċissjoni saret minn dik il-knisja. U din kienet l-ewwel festa bil-Bambina fl-Isla wara l-gwerra.



*Il-Bambina armata fil-knisja fl-1981. 400 sena parroċċa.*

*Grupp Dilettanti tan-Nar*

## Is-snin 1944-1957
## San Filippu bħala Parroċċa Proviżorja

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija rriżulta li l-Isla kienet l-aktar belt ibbumbardjata f'Malta, u l-Ammiraljat Irjali Ingliż jgħid li waqgħu fuq l-Isla



*Il-Bambina armata fuq l-altar maġġur – Mejju 1996.*
*75 anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni.*

aktar bombi milli waqgħu f'Londra. Għalhekk ma setax jonqos li l-Bażilika sfat imġarrfa. Minħabba f'hekk l-Isla spiċċat mingħajr knisja parrokkjali. B'xorti tajba l-knisja ta' San Filippu ma waqgħetx u għalhekk ħadet f'idejha t-tmexxija tal-parroċċa, sakemm issir ir-rikostruzzjoni tal-Bażilika l-ġdida. U minn hemm kienu qed jiġu amministrati s-Sagramenti kollha u jiġu ċċelebrati l-festi kollha inklużi l-Ġimgħa l-Kbira u l-Bambina. Il-laqgħat tal-Kapitlu wkoll kienu qed isiru fil-kunvent li hemm imiss mal-knisja.

Meta l-Bażilika l-ġdida tlestiet, il-Ħadd, 25 ta' Awissu, 1957, il-Bambina ħarġet minn San Filippu għall-Bażilika l-ġdida, u b'hekk għalaq iż-żmien ta' San Filippu bħala parroċċa proviżorja. Qabel ma daħlu l-Ġiżwiti f'San Filippu peress li l-Filippini kienu spiċċaw minn hemm fis-sena 1944, twaħħlet lapida ma' wieħed mill-pilastri tal-knisja biex ifakkru dawn l-erbatax-il sena li l-Bambina damet f'San Filippu. L-iskrizzjoni tal-lapida tgħid hekk:

*Din il-knisja ddedikata għall-viżitazzjoni ta' Omm Alla, b'ħarsien speċjali ta' Alla li minnu jiġi kull ġid u tal-Verġni wisq imbierka, waqt il-qilla ta' gwerra kbira, qalb tant ħerba ta' din il-belt li ma ntrebħietx, baqgħet sħiħa bla ma ġralha xejn. Minħabba l-qerda tal-knisja ta' din il-belt, hi laqgħet fiha r-Reverendissmu Kapitlu tal-Bażilika Sagrosanta u għamlitha ta' Parroċċa u Kolleġġjata. Kien ta' hena li fiha stkennet ukoll l-istatwa meqjuma ta' Marija Bambina, Omm Alla. Dan ġara mis-sena 1943 sas-sena 1957.*



*Il-pellegrinaġġ li sar minn San Filippu bl-istatwa ta' Marija Bambina, fi Triq il-Vitorja nhar il-31 ta' Mejju, 1996.*

## Is-Sena 1981
## L-Isla 400 Sena Parroċċa

Fis-sena 1981, l-Isla ċċelebrat l-400 sena minn mindu inqatgħet mill-matriċi tal-Birgu u saret parroċċa.

Għalhekk bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' dik is-sena fil-31, ta' Mejju, ta' l-istess sena, sar pellegrinaġġ bil-Bambina minn San Filippu għall-knisja tal-Vitorja.

## Is-Sena 1996
## 75 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni

Matul is-sena 1996, il-parroċċa ta' l-Isla ċċelebrat bil-kbir il-75 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Bambina, u kien hemm programm ta' sena festi u attivitajiet. F'dik is-sena tlesta wkoll ix-xogħol fuq il-libsa tad-deheb tal-Bambina. U kif kien ġara fl-1921, 75 sena wara ġara l-istess. Il-Bambina ttieħdet il-Knisja ta' San Filippu għall-ġimgħa sħiħa u fil-31 ta' Mejju, 1996, sar pellegrinaġġ *Aux Flambeux* bl-istatwa ta' Marija Bambina għall-Knisja Parrokkjali tal-Vitorja bħala parti minn dawk il-festi speċjali.

## Għeluq

Tassew nistgħu ngħidu li aħna ffortunati li għandna ż-żewġ knejjes prinċipali ta' l-Isla huma ddedikati lill-Madonna. U l-Isla hi parroċċa Marjana, għax għandha lil Marija Bambina bħala Patruna titulari ta' beltna, u hija Omm u Protettriċi ta' kull Senglean, mill-Mina sal-Ponta.

L-istatwa ta' Marija Bambina ħarġet kemm-il darba mill-knisja ta' San Filippu, u l-okkażjonijiet u l-avvenimenti kienu diversi. Kien hemm okkażjonijiet ta' ferħ, ta' niket, imma kull darba li l-Bambina titfaċċa fit-toroq tagħna, hi tgħaqqadna bħala Parroċċa waħda, komunità li tara t-tfajla Marija Bambina bħala kewkba tiddi sabiħa, u bid-dawl tagħha turina t-triq u l-vjaġġ fil-baħar imqalleb tal-ħajja.

*Grupp Dilettanti tan-Nar*